# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1955


# Fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-Ġdida

*KIEN sewwa sew bejn għeluq is-sena u l-bidu ta' sena ġdida meta l-"Għaqda" wara xi erba' snin u xi ftit xhur li kienet twaqqfet u ħarġet is-sistema grammatikali tal-kitba Maltija, ħarġet ukoll għall-ewwel darba l-organu tagħha "Il-Malti" li għadu ħaj u jseħħ sal-lum.*

*Kien żmien ir-riżq u ta' dan ir-riżq, wara tletin sena, aħna u ħbiebna għadna nistgħallu l-frott tal-ħidma tagħna stess, — frott ta' siġra u siġar li żrajna u ħawwilna fil-ġnejna tal-Lsien Malti. Il-lum is-siġar kibru u sakemm kibru s-sema kien daqqa ħanin u daqqiet aħrax ukoll għaliex ġie li minn sena għal oħra r-rwiefen ħabtu fuqhom u hedduhom li jqaċċtuhom minn qiegħhom, imma l-id għaqlija u mħarrġa tal-ġenniena għarfet tirfidhom u tilqagħhom.*

*Simblu tas-siġra tal-Malti nistgħu għalina bil-jedd kollu nistħajluha s-siġra tal-Milied għaliex sewwa sew kien f'dan iż-żmien li aħna żrajnieha tletin sena ilu u minnha nissilna s-siġar sħabha kollha li ħawwilna 'l hawn u 'l hinn u li minnhom imbagħad oħrajn qegħdin jitnisslu u minn xtieli żgħar qed isiru siġar kbar u għalliela, — siġar li l-lum qegħdin isebbħu u jagħmlu ġieħ lill-Ġnejna tal-Lsien Malti.*

*Il-Milied u l-Ewwel tas-Sena huma żewġ dati li għall-Għaqda jfissru ħafna: huma l-isbaħ tifkira ta' l-Anniversarju tat-Twelid ta' l-organu tal-"Għaqda" li huwa l-Leħen tagħha.*

*Il-ferħ tal-Milied li għadu jħabbar is-Sliem lil dawk ta' rieda tajba għandna nħossuh f'qalbna bil-ħlewwa tiegħu kollha, għaliex fil-fehmiet tagħna mill-bidu sal-lum dejjem imxejna b'rieda sħiħa u tajba.*

*Hekk ukoll inħossu kull xewqa ta' riżq timla lil qalbna fl-Ewwel Jum tas-Sena bit-tama li għalli ġej il-"Għaqda" tibqa' tgħix għal bosta u bosta snin fost uliedha u wlied uliedha ferħana*

*bis-snin li għaddew minn fuqha.*

*Aħna nafu li xi sħaba sewda tgħaddi dejjem minn fuq rasna b'tehdida ta' rwiefen u dgħaben li ġiebu l-mewt kemm-il darba lil Xirkiet oħra li l-ħsieb tagħhom kien sabiħ daqs tagħna u daqs tagħna mirqum b'sentimenti patrijottiċi u kulturali; iżda aħna nittamaw fiż-żminijiet soċjali-demokratiċi li aħna fihom fejn l-individwalità nazzjonali ta' ruħna għandha tibqa' tirbaħ fuq kull xeħta ta' ibridiżmu li jista' jdennes l-isem u l-ġieh ta' Malta u lsienu fl-Istorja tagħna.*

*Il-lum bosta mill-imseħbin ta' l-"Għaqda" għandhom il-jedd jersqu lejn is-siġra tagħhom stess mixgħula bil-bozoz ħomor u bojod ta' l-ideal Malti tagħhom u jmiddu idejhom biex jaqtgħu l-frott tal-ħidma tagħhom, kif ukoll jersqu lejn il-bieb tas-Sena l-Ġdida u jarawh jinfetaħ għalihom bit-Tama ta' Riżq u Sliem għall-Ilsien Malti, kif għall-bidu tas-Sena l-Ġdida tletin sena ilu kienu xtaqu lil "Il-Malti" ħafna mill-ħbieb tal-Lsien Malti ta' dak iż-żmien.*